MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 112/2002/1

Avviz Nru:- 112/02DM

Dragonara Resort Limited

vs

Jamel Araiedh

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas s-somma ta’ elfejn hames mitt u erbgha liri Maltin u hmistax il-centezmu (Lm2504.15,0) rapprezentanti prezz ta’ servizzi ta’ akkomodazzjoni (allogg u ikel) u servizzi ohrajn relatati, liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal Lm386.00,0 skond fattura numru 98186 datata 25 ta’ Lulju 2000, (b) kwantu ghal Lm192.00,0 skond fattura numru 98316 datata 26 ta’ Lulju 2000, (c ) kwantu ghal Lm1498.80, 0 skond fattura numru 99345 datata 7 ta’ Awissu 2000, u (d) kwantu ghal Lm427.35,0 skond fattura numru 99697 datata 10 ta’

Awissu, 2000 (ara kopji ta’ l-istess flimkien ma’ prospett – Dokti. “A” u “E”).

Bl-ispejjez ta’ l-prezenti, ta’ l-ittra interpellatorja ta’ l-4 ta’ Frar 2001, ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-20 ta’ Frar 2001 debitament notifikata lilu flimkien ma traduzzjoni bl-ingliz fit-23 ta’ Frar 2001 (kopji annessi mal-avviz bhala dokumenti u mmarkati bl-ittri “F” u “G”), kif ukoll bl-imghaxijiet mid-dati ta’ l-fatturi sa’ d-data ta’ l-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi t-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi respinta stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:
1 In linea preliminari it-talba attrici hija preskritta hekk kif tikkontempla l-ligi;
2 Fil-mertu l-konvenut m’ghandu jaghti ebda ammont kif pretiz mis-socjeta attrici stante li huwa qatt ma utilizza s-servizzi taghha kif allegat fl-avviz;
3 Fi kwalsiasi kaz, ghandhom jigu kjamati fil-kawza A. Shawish u Med Ali Awedane u persuni ohra bhala l-utenti tas-servizzi ta’ allogg u ikel provduti mis-socjeta attrici u li dwarhom qegheda ssir din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz

Rat il-verbal tas-16 ta’ Mejju 2002 fejn id-difensur tal-konvenut ikkjarifika l-ewwel eccezzjoni tieghu bhala dik ibbazata fuq l-Artikolu 2147 (b) tal-Kap 16.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi bl-ewwel eccezzjoni tieghu il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta sena kontemplata mill-Artikolu 2147 (b)

applikabbli ghall-azzjonijiet ta sidien ta lukandi ghall-allogg u ikel li jipprovdu, f'liema kategorija taqa l-azzjoni attrici.

Mill-invoices esibiti u l-provi l-ohra jirrizulta li l-allogg, ikel u servizzi ohra relatati gew ipprovduti lill-konvenut personalment u lill-persuni ohra fuq istruzzjonijiet tieghu bejn it-8 ta Lulju 2000 sad-9 ta Awissu 2000 u jirrizulta ukoll li, qabel l-gheluq ta sena, il-perijodu tal-preskrizzjoni gie interrott bl-ittra ufficjali tal-20 ta Frar 2001 notifikata lill-konvenut fit-23 ta Frar 2001 (v. folji 37 sa 39) jekk mhux ukoll bil-promessi ta hlas li ghamel il-konvenut lil Dr. Luigi Sansone, l-avukat ta fiducja tal-atturi, fi Frar 2001.

Ghalhekk il-perijodu tal-preskrizzjoni ta sena kien jiskadi fit-23 a Frar 2002, izda l-atturi pprezentaw il-proceduri odjerni fit-8 ta Frar 2002, ghalhekk entro t-terminu ta sena kontemplat mill-ligi, biex b'hekk evitaw li jinkorru f'xi preskrizzjoni tal-azzjoni taghhom.

Ghalhekk tirrespingi l-eeccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Fil-meritu, il-provi jikkonsistu esklussivament f'dawk il-provi prodotti mill-atturi. Il-konvenut, oltre l-eccezzjonijiet formali, ma ghamel ebda intervent iehor f'dawn il-proceduri u ma offra ebda prova in kontestazzjoni ta dak li qed jippretendu l-atturi.

Mill-provi inkontestati prodotti mill-atturi jirrizulta ppruvat li, mhux biss il-konvenut ghamel uzu personalment mis-servizzi li jipprovdu l-atturi u sahansitra ffirma l-invoice relattiva in accettazzjoni tad-debitu, izda anke pprokura l-istess servizzi ghall-persuni ohra lilhu noti u accetta li jghamel tajjeb ghall-ammonti kollha dovuti bi promessi ta hlas lil rappresentanti tal-kumpanija attrici.

Inoltre jirrizulta li, nonostante id-diversi interpellazzjonijiet li sarulhu, l-konvenut baqa ma hallasx.

Ghaldaqstant, fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, tilqa t-talba attrici u, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi

s-somma mitluba ta elfejn hames mija u erba liri maltin u hmistax centezmi (LM2504.15), bl-imghax legali b'effett mill-20 ta Frar 2001.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

……………………………..
Magt. Dr D Montebello BA.
LLD

S. Farrugia
Dep/Reg  Civ50